# MALTA

**ATT Nru. XVI ta' l-1992**

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

**ATT li jemenda l-Att dwar il-Ħinijiet tax-Xogħol tal-Ħwienet u tal-Bejjiegħa fit-Toroq, Kap. 155.**

**ACT No. XVI of 1992**

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

**AN ACT to amend the Shops and Hawkers (Business Hours) Act, Cap. 155.**

Naghti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

ĊENSU TABONE
President

23 ta' Ottubru, 1992

## ATT Nru. XVI ta' l-1992

*ATT li jemenda l-Att dwar il-Ħinijiet tax-Xogħol tal-Ħwienet u tal-Bejjiegħa fit-Toroq, Kap. 155*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

**1.** Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1992 li jemenda l-Att dwar il-Ħinijiet tax-Xogħol tal-Ħwienet u tal-Bejjiegħa fit-Toroq, u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att dwar il-Ħinijiet tax-Xogħol tal-Ħwienet u tal-Bejjiegħa fit-Toroq, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali". Titolu fil-qosor. Kap. 155.

**2.** L-artikolu 6 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda ta' l-artikolu 6 ta' l-Att prinċipali.

(a) l-artikolu li hemm għandu jiġi enumerat mill-ġdid bħala s-subartikolu (1) tiegħu; u

(b) minnufih wara s-subartikolu (1) tiegħu kif enumerat mill-ġdid għandu jiżdied dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(2) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, ħanut jista' jibqa' miftuħ għall-qadi tal-parruċċani wara s-7 p.m. iżda mhux aktar tard mill-10 p.m. f'jum wieħed f'ġimgħa kalendarja li ma jkunx il-Ħadd jew btala pubblika:

Iżda kull detentur ta' liċenza ta' ħanut li jkollu l-ħsieb li jagħmel użu mid-dispożizzjoni ta' dan is-subartikolu għandu jagħti avviż bil-miktub lid-Direttur tax-Xogħol u Emigrazzjoni mhux inqas minn sebat ijiem qabel il-jum li jkun se jibqa' hekk miftuħ."

Emenda ta' l-artikolu 9 ta' l-Att prinċipali.

**3.** Minflok is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 9 ta' l-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(2) B'dak kollu li hemm fid-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, il-qadi tal-parruċċani minn bejjiegħa fit-toroq ikun permess nhar ta' Ħadd —

(a) sa nofs in-nhar —

(i) fil-Foss ta' San Ġakbu, il-Furjana

(ii) fi Triq Santa Rita, ir-Rabat (Malta)

(iii) fit-Tokk u fi Pjazza Santa Sabina, ir-Rabat (Għawdex);

(b) sa nżul ix-xemx fix-Xatt ta' Marsaxlokk, Marsaxlokk.".

Emenda ta' l-artikolu 10 ta' l-Att prinċipali.

**4.** L-artikolu 10 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu:—

(i) fil-paragrafu (a), minflok il-kliem "l-14 ta' Diċembru" għandhom jidħlu l-kliem "is-7 ta' Diċembru"; u

(ii) il-paragrafu (ċ) għandu jitħassar; u

(b) minnufih wara s-subartikolu (2) tiegħu għandu jiżdied dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(3) Il-Ministru responsabbli għax-xogħol jista' jagħmel regolamenti li bihom jeżenta l-ħwienet kollha jew xi kategorija minnhom li jkunu jinsabu f'lokalità turistika li tiġi speċifikata fl-istess regolamenti, mid-dispożizzjonijiet ta' l-artikoli 6, 7 u 9 ta' dan l-Att għal kull żmien stabbilit li jiġi matul is-sena u kif suġġetti għal dawk il-kondizzjonijiet li jistgħu jiġu preskritti.".

---

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 58 tad-19 ta' Ottubru, 1992.

LAWRENCE GONZI
*Speaker*

RICHARD J. CAUCHI
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati.*

I assent.

(L.S.)

ĊENSU TABONE
President

23rd October, 1992

**ACT No. XVI of 1992**

*AN ACT to amend the Shops and Hawkers (Business Hours) Act, Cap. 155.*

BE IT ENACTED by the President, by and with the advice and consent of the House of Representatives, in this present Parliament assembled, and by the authority of the same, as follows:—

**1.** This Act may be cited as the Shops and Hawkers (Business Hours) (Amendment) Act, 1992, and it shall be read and construed as one with the Shops and Hawkers (Business Hours) Act, hereinafter referred to as "the principal Act". Short title. Cap. 155.

**2.** Section 6 of the principal Act shall be amended as follows: Amendment of section 6 of the principal Act.

(a) the present section shall be renumbered as subsection (1) thereof; and

(b) immediately after subsection (1) thereof as renumbered, there shall be added the following new subsection:

"(2) Saving the provisions of subsection (1) of this section, any shop may remain open for the serving of customers after 7 p.m. but not later than 10 p.m. on any one day in any calendar week not being a Sunday or a public holiday:

Provided that any licensee of a shop who intends to avail himself of the provision of this subsection shall inform in writing the Director of Labour and Emigration not less than seven days prior to the day he intends to remain so open.".

Amendment of section 9 of the principal Act.

**3.** For subsection (2) of section 9 of the principal Act there shall be substituted the following:

"(2) Notwithstanding the provisions of subsection (1) of this section, the serving of customers by hawkers shall be allowed on Sundays —

(a) up to 12 noon at —

(i) St James Ditch, Floriana

(ii) St Rita Street, Rabat (Malta)

(iii) It-Tokk, and Santa Sabina Square, Victoria, Gozo;

(b) up to sunset at Marsaxlokk Quay, Marsaxlokk.".

Amendment of section 10 of the principal Act.

**4.** Section 10 of the principal Act shall be amended as follows:

(a) in subsection (1) thereof:—

(i) in paragraph (a), for the words "14th of December" there shall be substituted the words "7th of December"; and

(ii) paragraph (c) shall be deleted; and

(b) immediately after subsection (2) thereof there shall be added the following new subsection:

"(3) The Minister responsible for labour may make regulations exempting all or any class of shops situated in a tourist locality to be specified in the same regulations, from the provisions of sections 6, 7 and 9 of this Act for any determined period during the year and subject to such conditions as may be prescribed.".

---

Passed by the House of Representatives at Sitting No. 58 of the 19th October, 1992.

LAWRENCE GONZI
*Speaker*

RICHARD J. CAUCHI
*Clerk to the House of Representatives.*

*Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni – Kastilja — Published by the Department of Information – Kastilja*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*

Prezz 2c — *Price 2c*